# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 24 ta' April, 2002**

**Appell Nru 5/2002**
**Appell Nru 6/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Eugenio Frantz**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Eugenio Frantz talli f'dawn il-gzejjer, fix-xhur qabel l-1 ta' Frar, 1995 (**1**) bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca [**recte:** irriproduca] jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam xi artiklu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap. 9; u aktar (**2**) talli bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca [**recte:** irriproduca] jew ikkopja, jew biegh jew qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenzja jew bhala parti minn attivita` koperta b'tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha, u dan bi ksur ta' l-Avviz Legali 120/92; l-ewwel qorti kienet mitluba sabiex barra milli taghti l-piena stabbilita mill-ligi, tordna il-konfiska tal-oggetti esebiti kif ukoll tapplika l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 f'kaz li jinhatru xi esperti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Jannar, 2002, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Eugenio Frantz **mhux hati skond l-ewwel imputazzjoni**, izda **sabitu hati skond it-tieni mputazzjoni** u (i) ordnat il-konfiska tal-*video cassettes* kollha ezebiti mal-atti "u mmarkati bhala Dok numru erbgha (4) skond kif elenkati fuq id-dokument immarkat Dok. 3 a fol 16 tal-atti, stante li dawn, "ex admissis" huma kopja illegali", u (ii) iddikjarat "li l-licenzja tal-pulizija ezebita mal-atti a fol. 22 skadiet minnufih u awtomatikament skond kif hemm specifikat" fir-regolament 2(2) tal-Avviz Legali 120/1992;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fis-17 ta' Jannar, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat ukoll ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Eugenio Frantz, minnu ppresentat ukoll fis-17 ta' Jannar, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-dfensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta' Frar, 2002; ikkunsidrat:

L-ewwel li ser jigi kkunsidrat huwa l-appell ta' l-Avukat Generali. L-appellant Avukat Generali jilmenta li l-ewwel qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkolpleta ta' l-ipotesi tal-ligi meta *"…erroneament irriteniet li l-affidavits esebiti u kkonfermati mill-Avukat Patrick Galea ma kienux ammissibbli bhala prova attinenti ghall-kwerela, b'mod li l-prova kellha ssir a bazi ta' ittri rogatorjali".* Skond l-istess Avukat Generali *"…l-affidavits ipprezentati mill-Avukat Patrick Galea kienu legalment ammissibbli bhala prova peress li huwa kellu skond il-ligi kull setgha li jixhed dwarhom fid-debita vesti tieghu bhala prokuratur specjali tad-ditti esteri in kwistjoni".*

Il-kwistjoni f'dan il-kaz kienet kif ser issir il-prova li l-kwerelanti, imsemmija fil-kwerela li tidher a fol. 14, kienu verament il-"copyright owners" tat-tletin videos misjuba ghand l-appellat Eugenio Frantz, videos li, kif iddikjara l-istess Frantz (ara l-verbal a fol. 19) kienu kopji maghmula bi ksur tal-ligi tal-"copyright" u bi ksur tad-drittijiet tas-sidien tal-istess "copyright" (il-verbal, pero`, ma hux ammissjoni li l-kwerelanti kienu bhala fatt is-sidien ta' dak il-"copyright"). Fil-kwerela a fol. 14, li giet debitament konfermata mill-avukat Patrick Galea, ghalkemm hemm l-ismijiet ta' diversi kumpaniji esteri li jipproducu films, ma hemm ebda referenza ghall-ismijiet tal-films maqbuda mill-pulizija. Peress li l-proceduri taht l-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali jistghu jinbdew biss fuq il-kwerela "tal-parti offiza", trid issir il-prova mhux biss li hemm kwerela maghmula minn xi hadd, izda li dak ix-xi hadd huwa fil-fatt il-parti offiza.

F'dan il-kaz kien hemm mod semplici hafna kif setghet issir tali prova, u cioe` billi l-avukat Galea, bhala prokuratur specjali tal-kumpaniji esteri tal-films, jiddikjara bil-gurament, b'referenza ghal kull wiehed mill-films maqbuda, minn kien jew kienu il-"copyright owner/s". Tali prova kienet tkun prova *prima facie* ta' min ghandu d-drittijiet tal-awtur fir-rigward tal-film li jkun; u kien imbghad jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li ma kienx minnu li l-kumpanija li kien qed jirrapresenta l-prokuratur specjali kellha dak il-"copyright". Pero` f'dan il-kaz mhux hekk sar. Wara prokrastinazzjoni ta' xhur, l-imsemmi prokuratur specjali semplicement ezebixxa, fis-sens li qieghed quddiem l-ewwel qorti ghall-konsiderazzjoni taghha, diversi affidavits maghmula quddiem nutara pubblici fl-istat ta' California (fl-Istati Uniti) riferibbilment ghad-diversi films. Huwa veru li dawn l-affidavits huma ccertifikati, ghal

dik li hi l-firma tan-"notary public", b'certifikat mahrug mid-"Deputy County Clerk, County of Los Angeles", u kull affidavit ghandu wkoll l-*apostille* tad-"Deputy Secretary of State, State of California". Pero` dawn id-dokumenti jibqghu, fin-natura taghhom, affidavits peress li n-nutar pubbliku fuq kull wiehed minn dawn id-dokumenti qieghed jagixxi semplicement ta' "commissioner for oaths" u mhux bhala r-ricevitur jew l-ezekutur ta' att nutarili fil-veru sens tal-kelma; ghalhekk dawn id-dokumenti ma jikkwalifikawx bhala "atti" jew "registri" ta' nutara pubblici ta' pajjizi barranin fis-sens tal-Artikolu 630 tal-Kap. 12 (rez applikabbli ghall-proceduri kriminali bl-Artikolu 520(1)(b) tal-Kap. 9). Konsegwentement kienet korretta l-ewwel qorti meta skartat il-kontenut taghhom. Ghall-precizjoni ghandu jizdied jinghad li ma hux korrett dak li qed jikkontendi l-Avukat Generali, fil-brani tar-rikors ta' appell hawn aktar 'l fuq citati, li l-avukat Galea "ikkonferma l-affidavits" jew "xehed dwarhom"; kif jidher mid-deposizzjoni ta' l-istess avukat tal-21 ta' Novembru, 1995 (fol. 64 u 65 tal-atti), kullma ghamel kien li semplicement ezibixxa l-affidavits bhala dokumenti. Jidher car li l-imsemmi avukat ried jaghmel il-prova permezz ta' dokumenti, flok ma jaghmel il-prova bid-deposizzjoni tieghu stess. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma tirriskontra ebda enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi kif qed jipprospetta l-Avukat Generali fl-ewwel aggravju tieghu u fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni.

It-tieni aggravju tal-appellant Avukat Generali jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, u jista' jigi kkunsidrat flimkien ma' l-appell ta' Eugenio Frantz. Bazikament l-Avukat Generali jikkontendi li l-ewwel qorti zbaljat meta ma tatx il-piena li kellha taghti skond il-ligi fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni. L-appellant Eugenio Frantz, minn naha tieghu, jikkontendi li, galadarba l-ewwel qorti lliberatu mill-ewwel imputazzjoni, ma setghetx issibu hati skond it-tieni imputazzjoni. Subordinatament l-appellant Frantz jikkontendi li r-reat ipotizzat bit-tieni imputazzjoni huwa ta' natura kontravvenzjonali, u li ghalhekk f'dan il-kaz kien hemm il-preskrizzjoni trimestrali li lehqet iddekorriet mid-data meta sar ir-"raid" tal-pulizija fuq il-posta tieghu f'Bugibba fit-8 ta' Lulju, 1994 u d-data meta tressaq quddiem il-Qorti Inferjuri fl-1 ta' Frar, 1995.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, il-prosekuzzjoni invokat id-disposizzjonijiet tal-Avviz Legali 120 ta' l-1992. Fil-kuntest tal-kawza odjerna dawn id-disposizzjonijiet jipprovdu essenzjalment li min ikollu licenzja tal-pulizija biex izomm hanut jew licenzja ta' "hawker" (bhalma ghandu l-appellant Frantz) u b'xi mod ikollu ghall-bejgh jew ibiegh xi haga bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u li jkunu protetti bil-ligi ta' Malta jew taht il-ligi ta' Malta, jitqies li jkun qieghed izomm dak il-hanut jew dik il-posta minghajr id-debita licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Ghalhekk proprjament ir-reat ipotizzat b'din it-tieni imputazzjoni huwa, fil-kawza odjerna, dak kontemplat fl-Artikolu 181(1) tal-Kap. 10. Dan ir-reat, <u>li huwa ta' natura kontravvenzjonali</u> (Art. 318, Kap. 10), ma jiddependix mill-kwerela tal-parti leza (kif tajjeb irriteniet l-ewwel qorti) u jista' jissussisti, taht certi cirkostanzi, anke jekk dak li jkun ma jkunx gie akkuzat bir-reat

kontemplat fl-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali jew ikun gie hekk akkuzat izda lliberat (bhalma kien il-kaz odjern). Kif tajjeb osserva l-appellant Avukat Generali, galadarba l-ewwel qorti sabet lil Eugenio Frantz hati skond it-tieni imputazzjoni, hija kellha taghti wkoll il-piena ghall-ksur ta' l-Artikolu 181(1) imsemmi, li f'dan il-kaz setghet tkun ta' multa sa mitejn lira (Art. 319(3)(a), Kap. 10). Pero`, kif tajjeb osserva wkoll l-appellant Frantz, bejn id-data tar-"raid" tal-pulizija u l-presentata tieghu fil-qorti kienu ghaddew aktar minn tlett xhur, b'mod ghalhekk li l-azzjoni fir-rigward tat-tieni imputazzjoni giet preskritta.

Ghall-motivi premessi:

1. tichad l-appell interpost mill-Avukat Generali;
2. tilqa' l-appell interpost minn Eugenio Frantz u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati skond it-tieni imputazzjoni kif ukoll fejn iddikjarat li l-licenzja tal-pulizija "ezebita mal-atti a fol. 22 skadiet minnufih u awtomatikament", u minflok tilliberah minn din it-tieni imputazzjoni; izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Ghal kull buon fini qed jigi espressament dikjarat li din il-Qorti qed tikkonferma l-konfiska tat-tletin *video cassette* ezibiti quddiem l-ewwel qorti u dana peress li jirrisulta li dawna kienu *pirated*.

Aldo Testone
Dep. Registratur